# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2024**

**Numru 20**

**Rikors Numru 366/21TA**

**L-Avukat Tony De Gaetano (K.I. 422256(M)) u martu Josette De Gaetano (K.I. 265159(M)), kemm f'isimhom proprju u kif ukoll għan-nom u in rappresentanza tad-ditta "Legal (Publishing) Enterprises"**

**vs**

**Ministru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Ministeru u dan in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2021 isem il-ministru konvenut ġie mibdul għal Ministru tal-Ġustizzja u Governanza u b'digriet tat-8 ta' Mejju 2023 isem il-Ministru konvenut ġie mibdul ghal Ministru għall-Ġustizzja**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' L-Avukat Tony De Gaetano u martu Josette De Gaetano f'isimhom propju u kif ukoll għan-nom u in rappresentanza tad-ditta "Legal (Publishing) Enterprises" (l-Atturi) datata 22 ta' April 2021 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

1. “Illi permezz ta`kuntratt data ghaxra (10) ta` Frar tas-sena elf disa`mija tlieta u disghin (1993),l-atturi fil-kwalita taghhom fuq premessa gew inkarigati mill-konvenut sabiex jippubblikaw fl-interess tal-istess konvenut is-sentenzi u d-decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta’ Malta, u dan versu l-pattijiet u l-kondizzjonijet stipulati fl-istess kuntratt precitat,kopja hawn annessa w immarkata **Dok.A.**

2. Illi fost il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati, il-kontendenti ,fil-kuntratt imsemmjin rispettivament “*publisher*” u “*the Government”,* ftehmu wkoll fil-paragrafu numerat sebgha (7) tal-kuntratt precitat dan li gej:

> *The size of the run of the publications shall be of 500 per volume in order to have always available to the general public any such volumes on demand. The publisher may opt only any time after the lapse of twenty-five (25) years from the signing of this agreement, that any remaining stock from the initial 500 run, even that which is still being published by that time, are to be acquired Government, as stock to be kept by the Government, and the Government is bound to acquire such stock on demand of the publisher at 75%of the maximum prices for the current year 1993 mentioned in article 3,according to whether these are in stock in loose-leaf, paperback or hardbound format. If the above initial 500 runs per volume are sold out, the publisher may re-publish any material already sold out but in such an event the Government shall not be obliged to acquire such re-runs after 25 years from signing of this agreement….. Stocks at publisher will remain property of same, even after the termination of this agreement and be sold and if published during the currency of this agreement, after the termination of this agreement, can be sold also as the authorised official version unless the publisher opts after 25 years from signing of this agreement to transfer any initial stocks from the 500 run, to Government, in which case such shall become the property of the Government and can be sold directly by the Government without any competition from the publisher*.

3. Illi l-perjodu ta`hamsa u ghoxrin (25) sena mill-iffirmar tal-kuntratt tal-ghaxra (10) ta`Frar tas-sena elf disa` mija tlieta u disghin (1993) ghalaq fis-disa`(9) ta` Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018),f`liema zmien l-atturi kien ghad ghandhom fil-pussess taghhom kwantita konsiderevoli ta` volumi formanti parti mill-istampar originali ta`hames mija(500) kull volum;

**4.** Illi -atturi ,kif setghu jaghmlu fi kwalunkwe zmien wara l-gheluq ta`25 sena mill-ifirmar tal-precitat kuntratt,sejhu lill-konvenut sabiex jakkwista l volumi fuq imsemmija li kienu ppubblikati sa dakinhar u li kienu ghadhom ma nbieghux mill-ammont ta` 500 run ta` kull volum u dan permezz ta` zewg ittri ufficjali datati 29 ta` Novembru.2018 u 4 ta` Dicembru,2018 u ssegwentament minhabba l-inadempjenza tal-

istess konvenut kienu kostretti li jifthu kawza.**Rikors Guramentat Nru.41/19TA** fis 17 ta' Jannar 2019,li illum ghadha pendenti quddiem l-Prim`Awla tal-Qorti Civili ppresjeduta mill-Onorabbli Imhallef Toni Abela.Illi f`dik il-kawza intalab lil Qorti li tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut kien obbligat li jakkwista minghand l-atturi l-istokk sa meta nfethet il kawza li kien fadal ghand l-atturi mhux mibjugha.Li tordna u tikkundanna lill-konvenut jakkwista l-istess kotba u li tikkundannah ihallas lill-atturi l-prezz komplessiv ta` €600,322.25, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ewwel ittra ufficjali u bl-ispejjez tal-istess procedure u dan **b`riserva ghall-kumplament tal-istokk li jibqa` mill-volumi li ghad iridu jigu ppublikati that l-istess kuntratt.**

5. Illi sussegwenti ghal din l-istess kawza, l-atturi,kif kienu ghadhom obbliganti bl-imsemmi kuntratt tal-10 ta`Frar,1993 li skont l-artikolu 11 tal-istess kuntratt ghadu vigenti sal-lum ippubblikaw wara l-ftuh tal-kawza **Nru.41/19TA** sal-lum skont l-istess ftehim tmientax (18)-il volum iehor kontenenti decizjonijet tal-Qrati Superjuri bejn l-2006 u 2010 (**Dok.B**) u l-istess atturi kif setghu jaghmlu fi kwalunkwe zmien wara l-gheluq tal-25 sena mill-iffirmar tal-kuntratt issa sejhu lill-konvenut sabiex jakkwista ukoll l-volumi rimanenti minn dawn l-ahhar tmintax-il volum fuq imsemmija li gew ippubblikati sal-lum,u dan l-atturi ghamluh permezz tal-ittra ufficjali tal-1 ta`Marzu (kopja legali hawn annessa u mmarkata **Dok.C**) u notifikata kemm lill-konvenut u kemm lill-Avukat Generali.li t-tnejn gew debitament notifikati fis-17 ta`Marzu,2021 kif jidher mill-istess kopja legali,u dan ghall-volumi li baqa`mhux mibjugha mill-ahhar tmintax ippubblikati wara l-kawza fuq imsemmija sal-lum,li jammontaw ghal sebat elef u tmenin (7,080) volum *loose-lea*f,mitejn u tmienja u tmenin (288) volum *paperback* u erba mija u tnejn u tletin (432) volum *hardbound* u dan skont il-prezzijiet huma indikati ta`hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-oghla prezzijiet tal-1993,skont l-klawsola 3 tal istess kuntratt,u cioe ta` Lm5 (€11.65) ghal kull volum *loose-leaf*,Lm6 (€13.98) ghal kull volum *paperback* u Lm7.50 (€17.47) ghal kull volum *hardbound*,u li jigu ghalhekk illum ghall-prezz ta` €8.74 ghal kull volum *loose-leaf*, €10.48 ghal kull volum *paperback* u €13.10 ghal kull volum hardhound u komplessivament ghall-prezz ta`sebghin elf,hames mija u sitta u hamsin euro u erbgha u sittin centezmu (€70,556.64),eskluz il-5% VAT illum applikabli oltre il-prezzijiet ta` dak iz-zmien, u allura ghall-ammont illum komplessiv (bil-VAT) ta` erba` u sebghin elf u erba` u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu (€74,084.47) u dan l-ammont dovut bl-imghaxijiet mertu tal-kawza Rik,Gur,Nru 41/19TA, U dan ukoll b`rizerva ghall-kumplament tal-istokk li jibqa` mill-volumi li ghad iridu jigu ppubblikati ulterjorment that l-istess kuntratt tal-10 ta` Frar,1993;

6. Illi minkejja li l-konvenut gie debitament notifikat u interpellat fis-17 ta`Marzu, 2021,fejn anki gie debitament notifikat l-Avukat Generali *ai termini* fost ohrajn tal-Artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta`Malta, il-konvenut baqa` inadempjenti u lanqas biss hu jew l-

Avukat Generali ma wiegbu ghall-istess ittra ufficjali u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

7. Illi l-istess atturi jitolbu umilment ukoll,li in vista li l-kawza **Rik.Gur.41/2019TA** hija fi stat avvanzata hafna u prattikament ix-xiehda kollha f`dik il-kawza hija l-istess xhieda fil-kawza odjerna bejn l-istess partijiet, din il-kawza timxi mal-imsemmija kawza **Rik.Gur.41/2019TA.**

8. Illi l-attur Tony De Gaetano jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qort, previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ulterjuri li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, joghgobha;

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti huwa obbligat jakkwista minghand l-atturi sebat elef u tmenin (7,080) volum *loose-leaf*,mitejn u u tmienja u tmenin (288) volum *paperback* u erba mija u tnejn u tletin (432) volum *hardbound* jew kull ammont iehor ta`volume verjuri kif jista` jirrizultalha waqt it-trattazzjoni tal-kawza,ikoll mill-kollezzjoni ta`Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta`Malta,udan skont il-prezzijiet ta`tmien Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€8.74) ghal kull volum *loose-leaf*,ghaxar Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€10.48) ghal kull volum *paperback*, u tlettax-il Ewro u ghaxar centezmi (€13,10)ghal kull volum *hardbound* u komplessivament allura ta` sebghin elf,hames mija u sitta u hamsin euro u erbgha u sittin centezmu (€70,556.64). eskluz il- 5% VAT illum applikabli oltre il-prezzijiet ta` dak iz-zmien, u allura ghall-ammont illum komplessiv (bil-VAT) ta` erba u sebghin elf u erba` u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu (€74,084,47) jew kwalsijasi somma verjuri li tista` tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, occorrendo previa l-opera ta`periti nominandi;

(2) tordna u tikkundanna lil-konvenut jakkwista l-volumi kolha bil-prezzijiet imsemmijin skont it-talba precedenti u dan in forza tas-sentenza stess. B`dan li jekk dina l-Onorabbli Qorti hekk ikun jidrilha xieraq u opportun, tordna li minflok, li l-istess bejgh isir permezz ta` kuntratt li jigi ricevut min-Nutar Pubbliku mahtur minnha fil-jum, hin u lok minnha ffissati, previa l-hatra ta` kuraturi deputati sabiex jidhru ghal kwalsijasi eventwali kontumaci;

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-prezz ta`erba` u sebghin elf u erba` u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€74,084,47) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-1 ta` Marzu, 2021 jew kwalsijasi somma ohra li tista tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez,inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-1 ta’ Marzu, 2021 bin-numru 809/2021, kollha kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt in subizzjoni u

b`rizerva ghall-kumplament tal-istokk li jibqa` mill-volumi li ghad iridu jigu ppublikati taht l-istess kuntratt.”

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Ministru tal-Ġustizzja u tal-istess Ministeru tal-Ġustizzja u Governanza (l-konvenut Ministru) tat-30 ta’ Lulju 2021 li biha wieġeb is-segwenti:

1. “Illi, in linea preliminari, hemm lok ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza,u dan stante illi n-nomenklatura tal-Ministeru konvenut u d-dekasteru tal-Ministru konvenut recentement inbidlu ghall-“Gustizzja u Governanza”.

2. Illi,in linea preliminari, n-nullita ` tar-rikors Guramentat u/jew dawn il-proceduri, stante illi l-hlas tar-registru ma giex effettwat kif suppost u dan stante li tali hlas kellu jigi intaxxat *ad valorem* abbazi tas-somma ta` €74,084.47 li l-atturi qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti biex tikkundanna lill-intimat li jhallashom skond it-tielet talba.

3. Illi l-atturi ghandhom igibu prova sodisfacjenti dwar l-interess guridiku taghhom fil-vesti personali,kemm il-darba qeghdin jagixxu wkoll f`isem id-ditta legal (Publishing) Enterprises.

4. Illi t-talba ta`atturi sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta` €74,084.47 hija legalment insostenibbli stante illi il-atturi qatt ma kkonsenjaw l-oggetti li ghalihom qed jippretendu l-imsemmi hlas minghand il-konvenut lill-istess konvenut u lanqas ma pprocedew biex jiddepozitaw l-istess oggetti taht l-awtorita tal-Qorti.

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost,l-eccepjenti jikkontesta t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti;

6. Illi l-principju regolatur fl-ezekuzzjoni tal-kuntratti huwa li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in *buona fede*. Illi dan qieghed jinghad fil-kuntest illi l-atturi ma jistghux jippretendu li jimponu fuq il-Gvern li jakkwista materjal illi huma stampaw jew komplew jistampaw meta kienu jafu li ma kien hemm l-ebda domanda ghal tali kopji u wisq inqas ta` materjal li ghadhom lanqas biss ma ppublikaw. Illi huwa fatt maghruf li bil-migja tal-access ghas-sentenzi tal-Qrati mis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Gustizzja,id-domanda ghall-akkwist ta`kopji stampati tas-sentenzi tista`tghid li spiccat.Illi ghaldaqstant it-talbiet ta`atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

7. Illi huwa indubbju li l-eccepjenti m`ghandu ebda obbligu u ebda responsabilita`versu l-atturi ghal kwalunkwe pubblikazzjoni wara l-

gheluq tal-25 sena pattwiti fil-kuntratt del quo,u dan tenut kont tal-fatt illi l-atturi jammettu fil-hames premessa tar-Rikors promotur li l-pubblikazzjonijiet mertu ta` din il-kawza saru **wara** l-ftuh tal-kawza l-ohra,ossia fl-2019,meta l-Artikolu 7 tal-kuntratt de quo,kif citat fit-tieni premessa,jipprovdi dwar obbligu ta`xiri u bejgh ta` volumi li baqghu *outstanding* u ma nbieghux sa` l-gheluq tat-terminu ta` 25 sena

*8.* Illi l-malafede ta` l-atturi f`din il-kawza hija evidenti in kwantu l-atturi ppromwovew din il-kawza meta ben konsapevoli li fil-vertenza l-ohra [Cit. Nru 41/19 TA] fl-istess ismijiet, il-kwistjoni tan-nuqqas ta`domanda kienet diga`tqajment b`mod formali,u xorta wahda l-atturi pprocedew li jistampaw u jippublikaw izjed volumi meta kienu ben konsapevoli li dan la kien rikjest, lanqas ma kien necessarju,u lanqas biss intalab mill-konvenut, u ghaldaqstant l-eccepjenti m`ghandux ibaghti ghall-malafede cara,u dan l-agir kjarament abbuziv, f`din ir-relazzjoni kuntrattwali,u tapplika ghall-atturi wkoll il-massima legali ta`*volenti non fit iniuria.*

9. Illi sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jippruvaw li l-volumi li qeghdin jirreferu ghalihom huma fil-fatt stampati, il-kundizzjoni u l-kwantita` tal-volumi stampati,il-bejgh illi sar ta`volumi matul is-snin u l-istampar originali tas-sentenzi kif ukoll ghal liema snin dawn il-volumi jirreferu kif ukoll l-istat ta` dawn il-volumi;

10. Illi l-klawsola 7 tal-ftehim tal-10 ta`Frar 1993 li fuqha jistriehu l-atturi fir-rikors promotur taghhom trid tigi interpretata fil-kuntest tal-ftehim fl-intier tieghu u mhux b`mod izolat. Illi essenzjalment il-klawsola 10 tal-ftehim taghmilha cara illi "*The parties shall have the right to terminate this agreement if either party is in default.A default by the Editorial Board in performance of its functions under this agreement shall be deemed to be a default by Government*". Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-atturi kienu gibdu l-attenzjoni tal-Gvern li kien hemm zmien meta l-Board Editorjali ma kienx qieghed jghaddi materjal lill-atturi. Illi f`tali cirkostanzi,l-atturi kellhom rimedju li jahseb ghalih l-istess ftehim u cioe` li jitlob it-terminazzjoni ta`tali ftehim u mhux li jibqa`jistenna li jghaddu l-hamsa u ghoxrin sena sabiex jitlob lill-Gvern sabiex jakkwista l-volumi li gew stampati meta ma kien hemm l-ebda domanda ghalihom.Ghalhekk il-malafede ta`l-atturi tkompli tidher bhala cara u lampanti;

11. Illi minkejja li skont il-klawsola 2 tal-ftehim l-atturi huma responsabbli ghall-marketing tal-materjal stampat a spejjez taghhom, minn imkien ma jirrizulta li l-istess atturi ghamlu xi kampanja ta` *marketing* adegwata sabiex ibieghu l-prodott stampat minnhom u jidher car li minflok qaghdu jistennew iz-zmien jghaddi sabiex imbaghad jaghmlu talba ghall-hlas lill-konvenut,u dan bi ksur tal-obbligi kuntrattwali taghhom u tal-principju tal-bouna fede illi jirregola l-kuntratti u ghal dawn il-motivi wkoll it-talbiet ta`l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

12. Illi sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost,f`kaz li din l-Onorabbli Qorti kelha tiddeciedi illi huwa dovut xi hlas mill-konvenut lill-atturi,l-ammont reklamat mill-atturi huwa bil-wisq ezagerat u eccessiv, liema ammont qieghed jigi kontestat u respint mill eccepjenti;

13. Illi l-eccepjenti jirrespingi wkoll it-talba ghall-hlas ta` imghaxijiet u dan stante li l-ftehim li fuqu qeghdin jistriehu l-atturi ma jikkostitwix kuntratt ta` natura kummercjali bejn l-atturi u l-Gvern;

14. Ghaldaqstant, it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

15. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża;

Qrat u semgħet ix-xhieda prodotti fil-perkors ta’ din il-Kawża;

Rat li fil-kawża odjerna kien sar verbal fejn il-partijiet qablu li l-provi miġjuba kollha fil-kawża 41/19 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal din il-Kawża (a’ fol 148). Il-kawża 41/19 ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Jannar 2023, billi varjat is-Sentenza ta’ din il-Qorti tat-22 ta’ Marzu 2022, fis-sens li laqgħet it-talbiet kollha tal-Atturi;

Semgħet lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2024;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ Fatti**

**1.** Din il-Kawża hija riżultat ta’ skrittura privata ffirmata fl-10 ta’ Frar 1993 bejn Dr. Joseph Fenech, qua Ministru tal-Ġustizzja, għal u f’isem il-konvenut Gvern ta’ Malta u l-Attur Dr. Tony De Gaetano għal u f’isem is-

Soċjetá Attriċi Legal (Publishing) Enterprises u f'isem martu l-Attriċi Josette De Gaetano ukoll għal u f'isem l-istess Soċjetá Attriċi (ara skrittura a' fol 6).

**2.** Dan il-ftehim issostitwixxa ftehim preċedenti datat 4 ta' Settembru 1992. Permezz ta' din l-iskrittura il-Gvern konvenut qabbad lis-Soċjetá Attriċi biex tippubblika "on its behalf", jiġifieri f'ismu, s-Sentenzi u d-Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri (ara klawżola 1). Permezz ta' dan il-ftehim, il-partijiet qablu li s-Soċjetá Attriċi tħallas l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-pubblikazzjonijiet filwaqt li taġixxi bħala l-publikatur u d-distributur esklussiv tal-Gvern. Dan kellu jsir billi tieħu f'idejha l-kummerċjalizazzjoni (marketing) u l-bejgħ tas-Sentenzi u d-Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri li kellhom ikunu ppubblikati.

**3.** Matul l-ewwel sena ta' dan il-ftehim is-Soċjetá Attriċi kellha tbiegħ kull volum bi prezz ta' mhux iżjed minn LM5 loose-leaf, LM6 paper-back u LM7.50 hard-bound. Il-prezzijiet għal wara din is-sena ġew tħallew fid-diskrezzjoni tas-Soċjetá Attriċi. In-numru ta' paġni għal kull volum tħalla ukoll fid-diskrezzjoni tas-Soċjetá Attriċi (ara klawżola 2 u 3).

**4.** Bis-saħħa ta' dan il-ftehim il-Gvern konvenut intrabat li jaħtar a' spejjeż tiegħu, bord editorjali bir-responsabbiltá li jeditja u jipprepara l-materjal li għandu jiġi pubblikat f'format li jinqara, dan sabiex kull xahrejn ifornih lis-soċjetá Attriċi għall-pubblikazzjoni, distribuzzjoni u bejgħ (ara klawżola 4 u 5). Il-Gvern ma llimitax il-pubblikazzjoni ta' Deċiżjonijiet u Sentenzi mogħtija sa sena partikolari. Il-partijiet qablu biss, li Dok A tal-

ftehim preċedenti tal-4 ta' Settembru 1994, li jiskeda l-pubblikazzjonijiet ta' Deċiżjonijiet u Sentenzi mogħtija sas-sena 2002, "*shall only be indicative of the years to be published and shall be in the discretion of the publisher*" (ara klawżola 4 u Dok A).

**5.** Permezz tal-klawżola 7 ġie dikjarat li "*The size of the run of the publications shall be of 500 per volume in order to have always available to the general public any such volumes on demand*". Permezz tal-istess klawżola, s-Soċjetá Attriċi ngħatat id-dritt sabiex, wara l-egħluq ta' ħamsa u għoxrin sena żmien mid-data tal-iffirmar tal-ftehim, jiġifieri mill-10 ta' Frar 1993, tagħżel li "*any remaining stock from the initial 500 run, even that which is still being published by that time, are to be acquired by Government, as stock to be kept by the Government, and the Government is bound to acquire such stock on demand of the publisher at 75% of the maximum prices for the current year 1993 mentioned in article 3, according to whether these are in stock in loose-leaf, paperback or harbdound format*."

**6.** Dan iż-żmien għalaq fl-10 ta' Frar 2018. Permezz tal-klawżola 10, il-partijiet ingħataw id-dritt li jitterminaw dan il-ftehim "*if either party is in default. A default by the Editorial Board in the performance of its functions under this agreement shall be deemed to be a default by Government.*" Skont l-aħħar klawżola 11, il-ftehim huwa validu għal perjodu ta' 5 snin mill-1 ta' Frar 1993 liema perjodu jiġġedded

awtomatikament għal perjodi oħra ta' 5 snin "*unless prior termination in writing is given by either party six months before each expiration period."*

Mill-atti ma jirriżultax li dan il-ftehim ġie terminat a tenur tal-klawżola 10 jew tal-klawżola 11. Mal-mument li għalaq iż-żmien miftiehem ta' ħamsa u għoxrin sena, is-Soċjetá Attriċi mill-ewwel uriet ir-rieda li tapplika dak miftiehem fi klawżola numru 7. Din il-klawsola tobbliga lill-Gvern Konvenut jakkwista l-istokk rimanenti mit-tirata ta' ħames mitt kopja għal kull volum sal-lum tas-Sentenzi u Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri li jkunu ġew ippubblikati. Għalhekk is-Soċjetá Attriċi ittentat diversi drabi tikkorrispondi bonarjament mal-Gvern Konvenut għal dan il-għan (ara Dok RE 12 a' fol 489, Dok TD 49 a' fol 127, Dok TD50 a' fol 133, Dok TD51 a' fol 134, Dok TD 52 a' fol 136 fil-Kawża numru 41/19).

**7.** Għal raġuni msemmija fil-para 22 tal-affidavit tal-Attur Avukat Tony De Gaetano, ġiet preżentata wkoll ittra uffiċjali fid-29 ta' Novembru 2018 (a' fol 12 kawża 41/19). Permezz tagħha l-Atturi interpellaw lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Ministru u dan in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta "sabiex tersaq u taddivjeni, skont il-pattijiet u kundizzjonijiet pattwiti fl-iskrittura tal-10 ta' Frar, 1993, għall-bejgħ u xiri tal-volumi fuq imsemmija u li prezz tagħhom f'din il-kawża jammonta kumplessivament għal €74,084.57 inkluż il-5% VAT".

**8.** Permezz ta' ittra uffiċjali oħra preżentata fl-1 ta' Marzu 2021 l-Atturi nomine reġgħu interpellaw lill-Gvern konvenut bl-istess mod u għall-istess ħaġa. Sussegwentement ġiet istitwita din l-azzjoni fis-27 ta' April 2021.

**Punti ta' Liġi**

**9.** Kif diġa' sollevat aktar 'l fuq, il-Qorti tal-Appell tat deċiżjoni dwar il-Kawża 41/19 li kienet miexja ma din il-Kawża fejn ma qablet xejn mal-interpretazzjoni legali li tat din il-Qorti dwar il-prinċipji legali involuti. Għalhekk ikun utli li dak li qalet dik il-Qorti dwar ir-rigward jiġi anke ribadut f'din il-kawża stante li kemm il-fatti specie u anke l-punti legali huma fil-gran parti tagħhom simili għal dawk deċiżi kif ingħad. Di fatti anke l-partijiet talbu li din il-Kawża tistenna l-esitu tal-kawża l-oħra.

**10.** Jibda biex jingħad li l-azzjoni attriċi hija waħda għall-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni a tenur tal-Artikolu 7 tal-imsemmi kuntratt. Fil-każ in eżami, in-negozju bejn il-kontendenti fil-kawża kien wieħed mist fejn l-Atturi fl-ewwel parti tal-kuntratt, veru li kienu nkarigati li jippubblikaw il-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri, iżda fl-istess waqt, l-atturi kellhom id-dritt li jwettqu l-għażla li jġibu fis-seħħ il-kondizzjoni maħsuba fl-Artikolu 7, fejn wara 25 sena, jinvokaw id-dritt tagħhom li jitolbu li l-konvenut jixtri l-istokk tal-volumi li baqgħu mhux mibjugħin u dan skont il-prezz stabbilit fl-istess kuntratt, li kien saħansitra jikkontempla tnaqqis ta' 25% fuq il-prezz iffissat 30 sena ilu.

**11.** Din il-kawża qiegħda ssir proprju sabiex l-atturi jeżegwixxu tali obbligazzjoni kontrattwali imposta fuq il-Gvern, bħala l-komparenti l-oħra fl-istess kuntratt. Għalhekk il-kuntratt in eżami, jagħti jedd lill-atturi li jagħżlu li jeżerċitaw għażla (dritt ta' opzjoni) kontra l-Gvern.

**12.** Il-Qorti tal-Appell osservat li kif ingħad mill-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet Raymond Mallia et v. Mansueto Zammit et, ikkonfermata mill-istess Qorti tal-Appell fil-5 ta' April, 2013**:

*"Illi l-jedd tal-għażla mħolli f'idejn waħda mill-partijiet fi ftehim huwa l-frott ta' rabta fuq il-parti li tagħti lill-oħra tali għażla. Għalhekk, fid-duttrina, tali jedd ta' opzjoni m'huwiex meqjus bħala wegħda ta' ftehim, imma ftehim milħuq taħt kundizzjoni potestattiva. Kemm hu hekk, jinsab mgħallem li "l'opzione da` luogo ad una proposta irrevocabile: percio` basta l'accettazione dell'altra parte perche` il contratto si perfezioni, senza che occorra una nuova manifestazione di consenso della parte vincolata alla proposta. ... invece nell'opzione l'irrevocabilita` deriva dall'accordo delle parti e quindi da un contratto."*

**13.** Għalhekk hemm kittieba li jqisu li l-jedd tal-għażla m'huwiex ftehim preliminari. Il-Qorti tifhem li dan l-istat ta' ftehim milħuq fil-każ tal-jedd tal-għażla japplika għal dik il-parti li tkun tat lill-oħra dik l-għażla: min-naħa tagħha, ma tista' tagħmel xejn biex twaqqa' dik l-offerta, sakemm il-parti l-oħra tkun għadha fiż-żmien li tilqagħha u teżerċita l-jedd lilha mogħti.

**14.** Imma, fih innifsu, l-jedd tal-opzjoni jista', jekk jiġi eżerċitat fil-waqt u ż-żmien miftiehem, jagħti ħajja kemm għal ftehim definittiv bl-effetti kollha li jġib miegħu, jew inkella għal kuntratt preliminari, u dan skond il-fehma u r-rieda tal-partijiet magħmula meta jkun inħoloq dak il-jedd.

**15.** Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, fil-fehma ta' din tal-Qorti tal-Appell hi, li l-Artikolu 7 tal-imsemmi kuntratt, proprju jagħti lill-atturi dritt tal-opzjoni jew għażla. Inoltre, ġaladarba tirriżulta l-aċċettazzjoni tal-Gvern bħala l-parti l-oħra fuq il-kuntratt in eżami, ta' din il-klawsola li tagħti d-dritt tal-għażla lill-atturi, ma hemmx ħtieġa li l-Gvern jagħti l-kunsens tiegħu mill-ġdid, proprju għaliex il-kunsens tiegħu kien ġja mogħti b'mod irrevokabbli meta l-imsemmi kuntratt ġie konkluż.

**Konsiderazzjonijiet**

**16.** Minkejja d-deċiżjoni fuq imsemmija, il-konvenut qanqal xi punti li skontu jagħtuh raġun legalment il-għala din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet Attriċi. Dawn tqanqlu fis-sottomissjonijiet verbali (reġistrati) fl-aħħar seduta qabel ma din il-Kawża tħalliet għas-Sentenza anke b'referenza għall-eċċezzjonijiet mogħtija.

**17.** Dato li skont l-ewwel l-ewwel sottomissjoni hija fis-sens, li essendo hija kawża għall-prezz ta' oġġett li qed jinbiegħ, l-Atturi kellhom qabel jiddepositaw l-oġġetti mertu tal-bejgħ taħt l-Awtorita' tal-Qorti. F'din it-trattazzjoni, l-abbli difensur jagħmel referenza għall-artikolu 1309 tal-Kodiċi Ċivili li ma għandu x'jaqsam xejn mall-Istitut tal-bejgħ. J ekk minn

naħa l-oħra dan sar bi svista, presumibilment ir-referenza kellha tkun għall-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili li xorta ma hux applikabbli fil-kuntest tal-argument avvanzat mill-konvenut Ministru. F'dan ir-rigward jingħad li hemm Sentenzi kemm trid iżda ma ġiet iċċitata ebda waħda.

**18.** Il-Qorti tistqarr li ma tistax taqbel ma' dak li qed jissottometti il-konvenut għaliex jekk qatt il-bejgħ huwa perfett mhux meta jkun hemm l-iskambju materjali tal-prezz lill-venditur u l-oġġett lix-xerrej. Il-bejgħ huwa dejjem perfett meta l-partijiet ikunu qablu fuq l-oġġett u fuq il-prezz mingħajr il-ħtieġa tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ. Jista jkun li minħabba r-riskju li jġib miegħu l-oġġett mibjugħ fuq il-bejjiegħ meta ix-xerrej ikun qiegħed jirrifjuta li jaċċetta l-oġġett jixtri, dan ikollu l-obbligu li jiddeposita l-oġġett taħt l-Awtorita' tal-Qorti.

**19.** Ċirkostanza oħra hija dik fejn ix-xerrej ikun qiegħed jirrifjuta li jħallas il-bejgħ meta il-bejgħ ikun diġa' avvera ruħu fit-termini ta' dak li jiddisponi artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili u cioe' li "*Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, <u>il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u</u> lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej*" (Emfażi tal-Qorti). Kif ingħad '*la vendita` e' perfetta appena si conviene sulla cosa e sul prezzo" tant illi "la proprieta` dalla cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita.*' [**Kollez. Vol.XX.iii.29**].

**20.** Skont din il-Qorti minn imkien fil-liġi ma jirrisulta li l-venditur ma jistax jitlob il-prezz anke jekk l-oġġett ikun għadu mhux konsenjat. Jekk qatt dak li trid il-liġi hu, li prezz jitħallas mal-konsenja. Di piu' id-dritt li jista' jkun għandu ix-xerrej huwa dak, li jitlob il-ħall tal-kuntratt, ħaġa li żgur mhux qiegħed jagħmel f'din il-kawża fl-assenza ta' kontro talba jew li jiġi imqiegħed fil-pussess tal-oġġett, li kif qed tifhem il-Qorti hi ħaġa li l-konvenut ma jridx li ssir ( ara artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili).

**21.** Għalhekk sa fejn jirrigwarda dan l-argument il-konvenut ma għandux raġun.

**22.** Fis-sottomissjonijiet verbali, il-konvenut jargumenta ukoll li wara 25 sena il-Gvern ma kienx obbligat li jixtri bħal fil-każ tal-kawża 41/19. Il-Qorti tibda biex tistqarr li klawsola 7 tal-ftehim ma hija redatta xejn b'mod feliċi. Kwantu għall-arugment tal-konvenut f'dan ir-rigward il-konvenut għandu raġun iżda fis-sens li "*Government shall not be obliged to acquire such extra runs after 25 years from the signing of this agreement"*. Imma dan japplika biss fil-każ ta' meta "*the publisher may re-publish any material already sold out*".

**23.** Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti mhux biss li ma kienx materjal *sold out* iżda addirittura materjal li ma inbiegħx u baqa' ma wiċċ l-Atturi, anke għaliex is-Sentenzi issa kienu disponibbli *on line* b'xejn u għalhekk ma baqgħux jinxtraw deċiżjonijiet stampati. F'dan is-sens, il-konvenut ma rax fit-tul u di piu' lanqas ħa ħsieb li jittermina l-kuntratt skont il-ftehim, kif innotata tajjeb il-Qorti tal-Appell.

**24.** Di fatti l-Atturi kien baqalhom id-dritt li jużufruwixxu mill-kundizzjoni potestattiva tant li lejn l-aħħar tal-artikolu 7 tal-kuntratt reġa' ġie ribadit dan id-dritt b'dan il-mod: "*unless the publisher opts after 25 years from signing of this agreement to transfer any initial stock from the 500 run, to Government, in which case such stocks shall become the property of the Government and can be sold directly by the Government without any competition from the publisher*".

**25.** Għalhekk din il-Qorti, kemm għal dak li ingħad hawn fuq u anke fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Appell fis-Sentenza imsemmija, tasal għall-konklużjoni, li anke f'din il-kawża l-Atturi għandhom raġun.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi**.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tordna u tikkundanna lill-konvenut jakkwista l-volumi kollha bil-prezzijiet skont it-talba preċedenti. Jekk il-konvenut jonqos milli jieħu pussess ta' dawn il-volumi fi żmien ġimgħatejn mid-data ta' din is-sentenza, l-Atturi huma awtorizzati li jiddepositaw l-istess taħt l-Awtorita' tal-Qorti u l-konvenut ikun ħieles li jiżbankhom purke' hu jkun ħallas is-somma hawn taħt indikata.

**Tilqa it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Atturi s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, erbgħa u tmenin Ewro u sebgħa u

erbgħin tal-ewro (€74,084.47) bl-imgħaxijiet legali mis-17 ta’ Marzu 2021 (a’ fol 15 tergo) sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża a’ karigu tal-Konvenut Ministru.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**